**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Francesco Mizzi)**
**vs**
**Ahmad Ali**
(detentur tal-karta tal-identità bin-numru 413714A)

Illum, 9 ta' Awwissu 2024

**Il-Qorti:**

Rat li Ahmad Ali, ta' 42 sena, iben Fudda Abdullah, u Abdui xebba Jawod mwieled is- Sirja nhar 1-1 ta' Jannar 1982, residenti ġewwa Indipendenza Flats, Flat 20, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 413714L, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar is-7 t' Awissu 2024 u/jew fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel għall-ħabta tal- 22:20hrs ta' filgħaxija u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa Garaxx numru 181, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar u/ jew fil-Gżejjer Maltin:

1. Kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Kellek fil-pussess tiegħek id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-ligijiet tal Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet

tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' 1-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta

3. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħhu, taħt il-kontroll tiegħhu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħhu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi (Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta) mingħajr ma' kellek liċnzja taħt dak l-Att. Art.5(1) Kap.480.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil Ahmad Ali bħala reċidiv, b'sentenza li hi definittiva u ma tistax tiġi mħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Prosekuzzjoni eżebiet l-Ordni tal-Avukat Ġenerali flimkien mal-fedina penali u dokument t'identifikazzjoni tal-akkużat, talbu li dan il-każ jiġi investigat skont il-liġi.

Rat illi l-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel akkuża.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-

akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat l-ordni tal-Avukat Ġenerali redatta ai termini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex iwieġeb għal akkużi kontra tiegħu għal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza. Rat ukoll illi waqt is-seduta tal-lum l-akkużat ta' l-kunsens tiegħu sabiex jiġi proċessat kif ordnat.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat Aħmad Ali detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0413714L ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti, tenut kont tal-ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, tal-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, tal-fedina penali li għalkemm mhix netta tal-akkużat mhijiex waħda allarmanti, tal-fatt li t-tieni (2) akkuża llum hija waħda li ġġor piena minima, u li huwa minn jeddu għażel li jissottometti ruħu għal Ordni ta' Trattament dwar il-vizzju tad-Droga, u li huwa għandu xogħol fiss, hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi m'għandiex tiġi erogata piena karċerarja.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Ewwel (1) Skeda u l-Artikolu 4(1) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 5(1) u l-Iskeda II tal-Att dwar l-Armi Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 22 tal-

Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettix reat ieħor fi żmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu ta' libertà kondizzjonata.

Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, l-ispejjeż skont il-Liġi kemm tal-inkjesta relatata ma' dan il-każ kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża skont il-liġi.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-arma u munizzjon eżebiti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------